# It-Tigra tad-Dnub

*Ta'* Wallace Gulia

*Liż-Żgħażagħ.*

B'leblieba faħxija,
tal-ħtija,
itnisslet mad-dmija,
w qed tiġri, u tlebbet, u tjassar
u l-hena itqassar.

Bl-irwiefen, bl-inkejja
tal-għejja,
itvenven f'ħaddejja,
imqita bħal raxxa taż-żrar,
li tarmi ix-xrar.

U tgħejji bil-ġirja,
u l-wirja
ta' tliegħi fil-mirja:
għajjietni, u fnietni, bla lġiem,
fil-ħarba tal-jiem...

Għajjietni, u fnietni,
u tnietni,
u fil-jasar ilwietni,
dit-Tigra taħt siġret il-Għerf,
li jfarrak in-nerf!

Taħt Sodom, Gomorrha,
bliet morra,
ta' żmenijiet ħorra,
taħt Golgota w'Ruma w Betlem.
Pariġi tas-semm,

Fuq Londra daħkana,
ferħana,
bil-glejjeb tal-għana,
fuq bliet ta' l-Amerka—New York,
sewd' iswed mit-Tork—

dit-Tigra miġwieħa,
għall-fwieħa,
ta' Babilonja lħiħa,
t'Assirja, t'Eġittu, tan-Nil—
il-fwieħa tal-qtil,
ta' spallejn mibruma,
miftuma,
mill-qedem ta' Ruma,
ta' idejn mingħajr saħħa w qlubija,
t'għajnejn mingħajr dija—
b'leblieba faħxija,
tal-ħtija,
itnisslet mad-dmija,
w qed tiġri, u tlebbet, u tjassar
u l-hena itqassar.

26-vii-43.